## Minuti tat-tlieta u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-63 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar, 2015.

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Nicholas Azzopardi, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joseph Agius. Is-Sur Norman Clews kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-62 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairman* li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa dwar il-bozza l-ġdida li ser issir fi Triq iż-Żagħrun u talab li din titwaħħal fl-iqsar żmien possibbli minħabba nuqqas ta' dawl li hemm fit-triq. Is-Segretarju qal li kienet ser issir applikazzjoni formali għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

Item 4 – Korrispondenza

Ic-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi s-Sur Nicholas Azzopardi naqas milli jattendi għal tlett laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv minn sebgħa laqgħat li saru bejn it-2 ta' Lulju, 2014 u s-16 ta' Diċembru, 2014. Dan ifisser li naqas għal aktar minn terz tal-laqgħat fi żmien sitt xhur. Iċ-*Chairperson* ippropona li peress illi l-assenza tas-Sur Azzopardi għal dawn il-laqgħat kienet skużabbli, il-Kumitat għandu jirrakkomanda biex il-post tiegħu ma jiġix dikjarat vakanti. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta taċ-*Chairperson* u l-Kumitat qabel unanimament.

Is-Segretarju ressaq stima mibgħuta mill-Perit William Lewis għal xogħol ta' bankina u ħajt ġdid fi Triq San Leonardu. L-istima li saret tammonta għal €17,603.46.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Iċ-*Chairperson* qal li kienu twaħħlu xi tabelli fi Triq Dun Salv Sciberras għal Triq il-Madaffa u talab li l-Kumitat Amministrattiv jindaga dwar ir-raġuni għaliex twaħħlu dawn it-tabelli.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat illi kien irċieva telefonata mis-Segretarjat tal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onorevoli Joe Mizzi fejn b'risposta għall-ittra tal-Kumitat lill-Ministru fejn intalab li jiġu rranġati Triq in-Naħla, Triq il-Werżieq u Triq iż-Żarżarell, il-Ministru nforma lill-Kumitat illi kien irċieva l-ittra u ser jagħmel li jista' biex dawn it-toroq jiġu rranġati.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li jiġi rranġat il-ħajt fi Triq Ġdida fi Triq il-Farfett tal-Fejġel kif ukoll li ssir *traffic island* fi Triq ix-Xgħajra.

Dwar ir-*road humps* ta' Triq Dun Salv Sciberras u Triq San Leonardu, iċ-*Chairperson* qal li t-talba tal-Kumitat għadha pendenti quddiem Transport Malta.

Is-Sur Nicholas Azzopardi qal li ma jaqbilx li jsiru ħafna *road humps* u jekk isiru dawn għandhom ikunu baxxi.

Iċ-*Chairperson* qal li kien irċieva lment li mal-ħajt taċ-ċimiterju għaddej *pipe* tal-ilma fuq il-bankina li qiegħed ikun ta' periklu. Iċ-*Chairperson* qal li kien sar rapport fl-għassa ta' Ħaż-Żabbar u issa kien dmir il-pulizija li jinvestigaw dwar dan il-*pipe*.

Dwar il-ħajt ta' Triq il-Berebies iċ-*Chairperson* ippropona li dan għandu jiġi rrangat. Is-Sur Agius issekonda liċ-*Chairperson* u l-Kunsill qabel unanimament li dan il-ħajt jiġi rranġat.

Iċ-*Chairperson* semma l-ħtieġa li jiġi rranġat *parking bay* minn Triq J G Baldacchino peress illi dan qiegħed joħloq ingombru għal sid il-garaxx meta tipparkja xi vettura.

Is-Sur Farrugia qal ukoll li jridu jitneħħew xi *parking bays* minn Triq il-Berebis għal Triq Dun Salv Sciberras peress illi dawn ukoll kienu qiegħdin joħolqu periklu għas-sewwieqa.

Is-Sur Farrugia talab li tittieħed azzjoni biex jiġi rranġat ħajt u titneħħa siġra fi Triq is-Sebellika. Is-Sur Farrugia ppropona li l-Kumitat jikteb lill-MEPA u jitlob li tittieħed azzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-64 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar, 2015.



Mario Bartolo
*Chairperson*